**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 98/2023**

**Kurt Grima [K.I. 181088]** u
**Ventur Motors Centre Company Limited (C 29117)**
**għal kull interess li jista jkollha**

**Vs**

**Awtorita ghat Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Kurt Grima u Ventur Motors Centre Company Limited** datat 16 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

*Illi l-esponenti xtara vettura tal-għamla Toyota Century, sena tal-manifattura 1990 (chasis number VG40-011981) ghal prezz ta' 401,000 YEN (Dok.A) mil-Ġappun, bl-iskop illi tigi reġistrata hawn Malta u tinbiegħ lil terzi għal profitt;*

*Illi l-esponenti issottometta applikazzjoni għand l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex il-vettura propjetà' tiegħu tiġi reġistrata bħala vettura vintage u dan ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-kapitolu 368 tal-liġijiet ta' Malta. Il-valur mogħti fil-customs value fl-Inspection Form for the Registration of Used Vehicles Imported from Non-EU Countries huwa ta' €3,312 (Dok. B);*

*Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-Awtorita' intimata datata fl-27 ta' Lulju 2023 (kopja ta' l-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C), l-esponenti ġie nfurmat bid-deċiżjoni meħuda mill-kumitat għal-Klassifikazzjoni ta' vetturi vintage fi ħdan u jew appuntat mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, fejn l-applikazzjoni tiegħu sabiex il-vettura tiġi klassifikata bħala vettura vintage ġiet milqugħa;*

*Illi fl-istess ittra mibgħuta mill-Awtorita' intimata datata fl-27 ta' Lulju 2023, l-esponenti ġie mitlub iħallas l-ammont ta' tlett t'elef, seba' mija u ħamsin Ewro (€3,750) bħala taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura;*

*Illi l-esponenti umilment jemmen illi dan il-valur huwa ferm sproporzjonat u mhux wieħed ġust u jidher li il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage ma għamilx evalwazzjoni xierqa sabiex jasal għal valur, hekk kif ser jiġi pruvat matul l-andament tal-kawża u għaldaqstant, l-esponenti qed jintavola dawn il-proċeduri ai termini tal-Kap.368 taht l-Artikolu 25 et.seq;*

*Illi minkejja l-valur li bih giet mixtrija l-vettura, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage ikkalkula t-taxxa tar-reġistrazzjoni skont il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali. Dan ifisser li l-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage deherlu li l-valur tal-fattura huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli;*

*Illi apparti l-fatt illi l-prezz imħallas għal vettura huwa wieħed ġenwin u veru, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, jixbħu ferm il-prezz li ħallas l-esponenti u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni valida il-għaliex l-prezz tal-vettura għandu jitqies li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli u jigi applikat valur ferm ghola minn dak li huwa l-valur tal-vettura. Illi jekk jiġi applikat il-valur mogħti mil-kumitat, il-bejgħ fuq is-suq ser ikun kawżi impossibbli;*

*Illi dan kollu juri li kemm fuq il-mertu u kemm legalment, m'hemmx raġuni valida sabiex l-esponenti iħallas l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni mitlub mill-Awtorita' intimata;*

***Talbiet***

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob lill-dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportuni:*

1. *Jiddikjara illi d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' intimata li l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas fuq il-vettura għandu jkun ta' ta' tlett t'elef, seba' mija u ħamsin Ewro (€3,750)  hija esaġerata, infondata u nġusta;*

2. *Tikkundanna lill-Awtorita' ntimata sabiex tiddikjara li l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas fuq il-vettura għandu jkun ibbażat skont il-valur tal-fattura ai termini tal-artikolu 25(8)(a) tal-Kap 368 jew kwalunkwe ammont ieħor li dan it-Tribunal jidhirlu gust;*

3. *Konsegwentement, tikkundanna lill-Awtorita' intimata sabiex tirreġistra l-vettura u toħroġ iċ-ċertifikati u dokumentazzjoni relattivi fir-rigward tal-vettura vintage a bażi tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ġusta.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fil-25 ta' Awwissu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' appellata tramite l-Kumitat ta' Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage hija waħda ġusta u korretta. Dan għaliex a tenur tal-artikolu 25(8) tal-Kap. 368, meta l-valur tal-fattura ta' vettura impurtata ikun wieħeb baxx mhux b'mod raġjonevoli, il-valur tal-vettura għall-finijiet tar-reġistrazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tas-suq medju ta' vetturi identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali. U huwa proprju dak illi ġara f'dan il-każ – il-valur tal-fattura ġie meqjus li huwa baxx b'mod mhux raġjonevoli u l-Kumitat għalhekk għadda biex jistabilixxi l-valur tal-vettura fuq il-valur tas-suq medju ta' vettura simili fis-suq internazzjonali.*
*2. Illi l-Awtorita' sejra tispjega u tipprova ghas-sodisfazzjon ta' dan it-Tribunal ir-raġunijiet għaliex il-valur tal-fattura huwa wieħed baxx b'mod mhux raġjonevoli u għaliex it-taxxa imposta hija waħda korretta bażata fuq il-valur tas-suq medju ta' vetturi identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali u ghahekk l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Ra n-Noti ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrent u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorità` intimata komunikata lil Kurt Grima permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2023 (a fol. 7) li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Kumitat Għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage (aktar l'isfel "il-Kumitat"), kien iklassifika l-vettura tal-għamla Toyota Century bħala vettura *vintage*. Is-Sur Grima ġie nfurmat ukoll li t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq l-istess vettura tammonta għal tlett elef, seba' mija u ħamsin ewro (€3750).

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati peress li fil-fehma tagħhom il-Kumitat ta valur ħafna iktar milli fil-fatt xtraw l-istess vettura. Mill-applikazzjoni sotttomessa mir-rikorrent Grima u esebita a fol. 43 tal-proċess jirriżulta li l-valur mogħti ai fini ta' Dwana kien dak ta' €3312, filwaqt li l-fattura maħruġa mill-Kumpanija Ġappuniża li biegħhet l-istess vettura kienet fil-valur ta' ¥401,000.[1]

[1] A fol. 47 ekwivalenti ghal crika €2,500

Illi mir-*registration value report* imħejji mill-Kumitat jirriżulta li l-valur li wasal għalih l-istess Kumitat kien dak ta' €10,000 u għalhekk it-taxxa ta' reġistrazzjoni bir-rata ta' 37.5% ġie €3,750.

**Albert Pisani**, Cermen tal-Kumitat, xehed li l-vettura kienet ġiet spezzjonata minn membru tal-Kumitat, ċertu Jack Fenech. Is-Sur Fenech kien infurmahom li kellu dubju dwar il-valur dikjarat u għalhekk għamlu riċerka minn fuq siti elettroniċi fejn dawn it-tip ta' vetturi jkunu qed jinbiegħu jew qegħdin jiġu reklamati għall-bejgħ, u sabu li l-valur ta' vetturi simili kien ħafna iktar. Spjega li l-istess siti huma Ingliżi, Amerikani u ġieli wkoll Taljani. Xehed inoltre illi l-Awtorita` intimata tagħmel użu minn Kumpanija Cap Hpi u l-Kumitat, meta jkollu dubju, jirreferi għaliha wkoll fejn tidħol valutazzjoni sabiex iġibu l-*average price*. Pero` f'dan il-każ din il-verifika ma saritx. Mistoqsi jekk irreferewx għas-suq Ġappuniż waqt ir-riċerka tagħhom, is-Sur Pisani wieġeb li le. Spjega li l-vettura in kwistjoni kienet fi stat tajjeb ħafna.

**Jack Fenech**, membru tal-Kumitat, xehed illi huwa spezzjona l-vettura in kwistjoni u sabha li kienet fi stat tajjeb ħafna. Spjega li l-Kumitat wasal għall-valur fis-suq ta' €10,000 wara li ħa in konsiderazzjoni l-kundizzjoni tal-vettura u wara li ħa in konsiderazzjoni prezzijiet ta' vetturi simili li jidhru fuq siti elettroniċi. Spjega li l-vettura in kwistjoni eventwalment kienet inbiegħet għall-prezz ta' €10,500.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx konxju li kien hemm siti elettroniċi li kienu qed juru l-prezz tal-bejgħ bħala €2000 u €3000, ix-xhud wieġeb li ma kienx raħom.

**Clinton Grima u Kurt Grima** xehdu illi huma mpjegati mas-soċjetà' rikorrenti. Spjegaw li l-vettura in kwistjoni nxtrat minn fuq sit elettroniku ta' rkant popolari fil-Ġappun u li kienet manifatturata fl-1990 u kellha 176,193 kilometri. Din il-vettura inxtrat għall-prezz ta' €2673. Clinton Grima esebixxa diversi eżempji ta' vetturi tal-istess għamla li l-prezz bejn wieħed u ieħor iqarreb lejn dak li bih inxtrat il-vettura in kwistjoni. Spjegaw ukoll li wara li l-vettura in kwistjoni ġiet importata, saru diversi spejjez fuqha bħal spejjez ta' riparazzjoni, pjanċi, applikazzjonijiet u VAT, apparti t-taxxa fuq id-dħul.

Clinton Grima xehed illi meta biegħu din il-vettura huma ma kinux jafu li l-Kumitat se jivvaluta l-prezz tas-suq €10,000 però` ffissaw il-prezz tal-bejgħ fuq il-valur tal-fattura għaliex hu kellu moħħu mistrieħ li l-valur tal-fattura huwa tajjeb u għalhekk kien jaf x'taxxa kellha titħallas.

**Brian Farrugia**, Segretarju tal-Kumitat, spjega illi l-Kumitat jivvaluta vettura skont il-valur tas-swieq internazzjonali. Jekk persuna tixtri vettura bi prezz baxx u li ma

jirrispekkjax il-valur tas-swieq, il-Kumitat għandu l-obbligu li jagħtiha l-valur tas-suq.

**Ikkunsidra:**

Illi t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi *vintage* importati f'Malta hija regolata bl-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta). Artikolu 25 (7) u (8) tal-imsemmija leġislazzjoni jgħid is-segwenti:-

***"(7) Meta vettura bil-mutur li tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura vintage, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.***

***(8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun ibbażat fuq –***

***(a) il-valur tal-fattura, jew***
***(b) il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli."***

Illi l-vettura in kwistjoni hija tal-mudell **Toyota Century tas-sena 1990 u kellha 176,193km**. Illi meta gie jiddeċiedi dwar il-valur ta' registrazzjoni tal-istess vettura, il-Kumitat ħass illi l-prezz imħallas mir-rikorrent kien wieħed baxx b'mod mhux raġjonevoli u għalhekk għamel riċerka dwar il-valur ta' vetturi simili minn fuq siti elettroniċi barranin wara spezzjoni vizwali li saret minn membru tal-istess Kumitat. Bħala prova ta' dan, Albert Pisani esebixxa eżempji ta' valuri ta' vetturi simili. Huwa esebixxa s-segwenti valuri minn tliet (3) siti elettroniċi u ċioe`:

| | |
|---|---|
| **1990 Toyota Century Sedan** | **€11,384-€14,230**[2] |
| **1984 Toyota Century 4.0 V8** | **£29,000**[3] |
| **1991 Toyota Century Sedan (274,000km)** | **€70,313**[4] |
| **1989 Toyota Century Sedan (54,253km)** | **€13,214**[5] |
| **1991 Toyota Century Sedan (112,000km)** | **€20,581**[6] |

[2] Is-sit elettroniku huwa Classic Driver a fol. 62
[3] Is-sit elettroniku huwa Car & Classic a fol. 63
[4] A fol. 64, sit elettroniku mhux maghruf pero l-*listing location* huwa r-Russja
[5] A fol. 65, sit elettroniku mhux maghruf pero l-*listing location* huwa l-Amerika
[6] A fol. 66, sit elettroniku mhux maghruf pero l-*listing location* huwa l-Ungerija

Illi min-naħa l-oħra, Clinton Grima wkoll esebixxa numru ta' valutazzjonijiet tal-istess mudell ta' vettura u ċioe`:

| | |
|---|---|
| **1994 Toyota Century (102,000km)** | **¥410,000[7] (cirka €2,559.83)** |
| **1999 Toyota Century** | **¥219,000[8] (cirka €1,367.32)** |
| **1999 Toyota Century (316,000km)** | **¥261,000[9] (cirka €1,629.55)** |
| **1998 Toyota Century (181,000km)** | **¥125,000[10] (cirka €780.43)** |
| **2000 Toyota Century (98,000km)** | **¥198,000[11] (cirka €1,236.21)** |

Illi kif wieħed jista' jara, id-diskrepanza fil-valur bejn is-siti elettronici li ċċekkja l-Kumitat u dawk esebiti minn Clinton Grima hija waħda sostanzjali. Madankollu it-Tribunal jinnota li s-snin ta' manifattura tal-vetturi riċerkati mill-Kumitat tqarreb iktar is-sena ta' manifattura tal-vettura in kwistjoni. Illi kif inhu risaput, is-sena ta' manifattura ta' vettura klassika tista' tagħmel avarija konsiderevoli fil-prezz tagħha.

Illi punt ieħor li t-Tribunal iqis li huwa ta' importanza huwa illi l-Kumitat straħ biss fuq is-siti elettroniċi li kienu qed joffru l-bejgħ tal-istess vetturi u bl-ebda mod ma kellu xi prova li l-istess vettura ġew fil-fatt mibjugħin għall-prezz reklamat fuq l-istess siti. Jirriżulta wkoll illi l-Kumitat għamel riċerka fis-suq internazzjonali li pero` ma nkludietx is-suq Ġappuniż. Dan ifisser illi l-prezzijiet li sab il-Kumitat huwa ta' vetturi mpurtati u li għalhekk potenzjalment il-prezz tagħhom jirrifletti ż-żieda ta' kwalunkwe taxxa ta' reġistrazzjoni tal-pajjiz partikolari, bħal pereżempju r-reġim li jeżisti hawn Malta ta' 37.5%. Illi għalhekk il-vetturi li jiġu mpurtati direttament mill-Ġappun se jkollhom prezz ħafna inqas minn dawk li wieħed jista' jsib fi swieq oħra internazzjonali fejn il-prezz tagħhom allura se jinkludi t-taxxa ta' reġistrazzjoni jew kwalunkwe taxxa oħra imposta mill-pajjiz partikolari. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-fatt li l-Kumitat eskluda totalment li jħares lejn is-suq Ġappuniż huwa nuqqas determinanti meta wieħed jikkonsidra illi l-vettura in kwistjoni ġiet proprju impurtata mill-Ġappun.

It-Tribunal jirrileva li l-valur tas-suq internazzjonali ma jiddeterminahx biss is-suq tal-Amerika, tal-Ingilterra jew dak Ewropew, u għalhekk ir-riċerka għandha tkun iktar wiesgħa minn dik li għamel il-Kumitat, iktar u iktar meta bħal ma għamel Clinton Grima, il-Kumitat seta' faċilment jaċċessa siti Ġappuniżi biex ikollu stampa iktar wiesgħa tal-prezz tas-suq tal-vettura in kwistjoni.

---

[7] Dokument CG2 a fol. 72
[8] Dokument CG3 a fol. 80-81
[9] Dokument CG4 a fol. 85
[10] Dokument CG5 a fol. 91
[11] Dokument CG6 a fol. 100

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kumitat għandu jerġa' jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq.

Illi r-rikorrenti talbu wkoll lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-Awtorita` intimata tibbaża t-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-valur tal-fattura u wkoll sabiex tordnalha tirreġistra l-istess vettura u toħroġ iċ-ċertifikati u d-dokumentazzjoni relattiva abbażi tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ġusta. Illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza jordna lill-Awtorita` intimata tagħmel dak mitlub għaliex din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi mħollija f'idejn l-awtorita` amministrattiva. Dak li għandu kompetenza li jagħmel dan it-Tribunal huwa li jirrevedi kwalsiasi deċiżjoni amministrattiva u jara tikkonformax jew le mal-liġi u wkoll hijiex raġjonevoli jew le. Għaldaqstant it-tieni u t-tielet talba se jiġu miċħuda sabiex l-Awtorita` ikollha l-opportunita` terġa' tagħmel eżerċizzju kif ingħad hawn fuq jekk tkun tal-fehma illi l-valur tal-vettura muri fuq il-fattura huwa baxx b'mod mhux raġjonevoli.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-ragunijiet hawn fuq esposti qiegħed:-

1. Jilqa' l-ewwel talba;
2. Jiċħad it-tieni u t-tielet talba;
3. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u għalhekk qiegħed jannulla d-deċizjoni appellata.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**